MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1172/2002/1

**Natalia sive Talia Maggi**

**vs**

**Edward Maggi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u zewg liri Maltin (Lm1202.00), dovuta lill-attrici:**
**Kwantu ghal mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00), bhala manteniment ghall-binthom Daniela, ghall-iskadenzi ta' kull gimgha bil-quddiem, mid-9 ta' Marzu, 2002, sas-27 t'April, 2002, u cioe` ghall-tmien gimghat, li fihom baqa' moruz, u dana a bazi ta' hamsa u tletin lira (Lm35.00) fil-gimgha, kif miftiehem bejn il-partijiet skond klawsola (2c), ta' l-ewwel parti**

**tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tas-26 t'April, 2001, Dok.NM anness;**
**Kwantu ghan-nofs l-iehor ta' mitejn u tmenin lira (Lm280.00) ghall-istess perjodu, li fih baqa' moruz, bhala parti minn sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti likwidata, a bazi tar-rata kurrenti ta' hamsa u tletin lira (Lm35.00) fil-gimgha skond klawsola (6) fit-tieni parti ta' l-istess kuntratt;**
**Kwantu ghall-sitt mitt lira (Lm600.00) bhala hlas dovut lilha bil-quddiem ghas-sena 2002, in kunsiderazzjoni ta' l-"operation agreement" tas-26 t'April, 2002, hawn anness bhala kopja Dok.NM1;**
**Kwantu ghall-tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42.00) bhala sehemu sas-separazzjoni fis-26 t'April, 2002, mill-kont tad-dawl tal-partijiet komuni ghall-fond matrimonjali skond il-klawsola (9) tal-kuntratt;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta' sekwestru numru 107/02 prezentat kontestwalment u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta pero` fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2002, iddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Natalia Maggi u Edwrad Maggi. Ra n-nota prezentata mill-attrici fis-7 t'Ottubru, 2002, li biha rriduciet t-talba ghall-elf mija u sittin lira Maltija (Lm1160.00) stante pagament ta' tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42.00). Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qed titlob hlas ta' elf mitejn u zewg liri Maltin (Lm1202.00), u dana:**
**i. in kwantu ghall-mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) ghall-manteniment dovut ghall-bint il-kontendenti Daniela, ghall-perjodu mid-9 ta' Marzu, 2002 sas-27 t'April, 2002, ossija ghall-tmien gimghat bir-rata ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00) fil-gimgha skond Klawsola 2(c) tal-kuntratt ta' separazzjoni tas-26 t'April, 2001 Dok.NM;**

**ii. In kwantu ghall-mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) ghas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti skond Klawsola (6) tal-kuntratt fuq imsemmi; u**
**iii. In kwantu ghall-sitt mitt lira Maltija (Lm600.00) skond il-kawsola (7) tal-kuntratt Dok.NM1.**
**2. Il-konvenut qed jghid li huwa kien zamm milli jghaddi l-manteniment dovut lill-attrici peress illi din ma kienetx ghadha qalbet hanut fuq ismu, u peress li kienet ghadha qed izzomm xi affarijiet tieghu. It-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut kellu rimedji legali li seta' adotta jekk kien minnu li ma giex rispettat il-ftehim. Il-fatt li ma nghatax l-affarijiet, anke jekk hu minnu, ma jintitolax lill-attur milli jzomm milli jghaddi l-manteniment dovut lill-attrici, sew dak dovut ghall-bintha, kif ukoll dak dovut ghas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-konvenut qed jghid li sussegwentement hu ddeposita l-flus il-Qorti. Ta dan ma ngiebet ebda prova. Ghalhekk il-konvenut huwa tenut li jghaddi l-ammont dovut lill-attrici skond il-ftehim;**
**3. L-istess haga qed jirrileva it-Tribunal dwar is-sitt mitt lira (Lm600.00) li l-konvenut hu tenut li jghaddi lill-martu kull sena, u dana ghas-sena 2002.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf mitejn u zewg liri Maltin (Lm1202.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf mitejn u zewg liri Maltin (Lm1202.00) bl-imghax legali mill-10 ta' Mejju, 2002.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 107/02 prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**